**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Marthese Agius

vs

Deluxe Bathrooms

CCT G15/21/MS

4 ta' Novembru 2022

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrenti pprezentat fit-22 ta' Novembru 2021 fejn talbet lil dan it-Tribunal tordna l-azjenda intimata thallasha s-somma ta' tlett elef, hames mija tmienja u disghin euro u sitta u hamsin centezmi (€3,598.56), u dan wara li xtrat materjal minghand l-azjenda intimata, fuq parir tal-azjenda, li ma kienx idoneju u ma setax jintuza ghall-iskop li ghalih kien ordnat.

Ra r-risposta tal-azienda intimata fejn cahdet it-talba tar-rikorrenti u qalet li ix-xoghol u l-materjal gie ordnat fuq struzzjonijiet u specifikament ghal Marthese u dan inhadem ghaliha biss.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Ra li hadd ma deher ghall-azjenda intimata, debitament notifikata bl-avviz tat-talba u tas-smigh tal-kawza.

Sema' x-xiehda ta' Marthese Agius bil-gurament.

Ra li l-kawza giet differita ghas-sentenza in difett ta' ostakolu ghal 4 ta' Novembru 2022.

Ra li ma kien ebda ostakolu ghal prolazzjoni tas-sentenza.

Ikkunsidra

Illi rrizulta mill-provi illi r-rikorrenti xtrat madum u diversi accessorji ohra minghand l-azjenda intimata ghal *penthouse* taghha u ghal appartament tat-tifla. Meta giet biex taghmel il-*pool area*, tghid li xi hadd mill-azjenda intimata ssuggerielha madum li

jixbah *parquet decking* u qalulha li jekk tiehdu ha tiffranka l-flus. Ir-rikorrenti tghid li ma kellhiex ideja tal-affarijiet u tat pjanta ta' kif kienet gejja l-*pool area* u halliet f'idejn l-azjenda intimata. Meta gew biex iwahhlu l-madum ta' hdejn il-*pool,* il-madum ma kienx adattat u cemplet is-sid tal-azjenda intimata biex tinfurmah u qallha li kien gab il-madum ghaliha biss. Ir-rikorrenti tghid illi kienet qaghdet fuq il-parir *tas-salesman* li kien ta d-doppju ta' dak li verament kellha bzonn. Waslu f'kompromess li kellhom jiehdu l-madum lura u meta jbieghu jaghtuha lura l-flus. Gew ghal madum izda ftit wara bdew icemplu r-rikorrenti u qalulha li ha jgiebuh lura ghax mhux se jbieghuh.

Illi ghalkemm l-azjenda intimata dahlet risposta, hadd ma deher meta hekk imsejjah biex jixhed. Ir-risposta ghalhekk mhijiex konfermata bil-gurament u t-Tribunal m'ghandux versjoni ohra li b'x modi tikkontrasta dik tar-rikorrenti. Wara li qies ic-cirkostanzi, jidhirlu illi ghandu jilqa' t-talba tar-rikorrenti *arbitrio bono viri* fl-ammont ta' tlett elef euro.

Ghal dawn il-motivi, jaqta' u jiddeciedi illi jilqa' parzialmente it-talba tar-rikorrenti u jordna l-azjenda intimata thallasha s-somma ta' tlett elef euro (€3,000). Bl-ispejjes kontra l-azjenda intimata.

Michela Spiteri Av.
Arbitru